31999R0519

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 519/1999

tad-9 ta' Marzu 1999

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 293/98 rigward l-fatti operattivi li japplikaw għall-fondi ta' l-operat ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel u għall-għajnuna għall-ħażna tal-għeneb u t-tin imqadda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi l-arranġamenti agrimonetarji għall-Euro [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummisjoni (KEE) Nru 293/98 [2], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1551/98 [3], jistabbilixxi l-avvenimenti operattivi li japplikaw fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel u fis-settur tal-prodotti proċessati mill-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel;

Billi t-tieni punt ta' l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 411/97 tat-3 ta' Marzu 1997 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 rigward il-programmi operattivi, il-fondi operattivi u l-għajnuna finanzjarja Komunitarja [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1647/98 [5], jistabbilixxi l-ammont massimu ta' l-ispejjeż ġenerali eliġibbli sabiex jiġu inklużi fi programm operattiv; billi dan l-ammont huwa somma annwali; billi, skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 u bid-deroga mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxxi regoli ddettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema agrimonetarja għall-Ewro fil-biedja [6], għandha tiġi applikata għal dan l-ammont ir-rata tal-kambju li tapplika għall-elementi l-oħra tal-fond operattiv interessat;

Billi l-Artikolu 9(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti mill-frott u mill-ħxejjex ta' l-ikel [7], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2199/97 [8], jipprovdi l-għajnuna għall-ħażna għall-għeneb u t-tin imqadda; billi din il-għajnuna tingħata għat-tul attwali taż-żmien tal-ħażna; billi għal raġunijiet tal-prattikabbiltà amministrattiva u skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandu jiġi stabbilit avveniment operattiv ta' kull xahar għall-għoti tal-għajnuna;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal Kumitat Konġunt tal-Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex ta' l-Ikel Friski u tal-Prodotti Pproċessati mill-Frott u l-Ħxejjex ta' l-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (EC) Nru 293/98 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 2, jiġi miżjud il-paragrafu 4 li ġej:

"4. L-avveniment operattiv għar-rata agrikola tal-kambju li tapplika għas-somma f'daqqa ffissata fil-punt 2 ta' l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 411/97 għandu jkun l-1 ta' Jannar fis-sena li fiha japplika dan l-ammont.";

2. fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. L-avveniment operattiv għar-rata agrikola tal-kambju li tapplika għall-għajnuna għall-ħażna msemmija fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 għandu jkun l-ewwel jum tax-xahar li fih tingħata il-għajnuna."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 1.
[2] ĠU L 30, ta' l-4.2.1998, p. 16.
[3] ĠU L 202, tat-18.7.1998, p. 28.
[4] ĠU L 62, ta' l-4.3.1997, p. 9.
[5] ĠU L 210, tat-28.7.1998, p. 59.
[6] ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 36.
[7] ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 29.
[8] ĠU L 303, tas-6.11.1997, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel fid-9 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni